**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 156/18/B

Anthony Zarb u Anna Zarb
Vs
Saviour Abdilla

Illum 21 ,ta' Jannar, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-16 t' Ottubru 2018 li permezz tieghu talbu lura d-depozitu mhallas fl-ammont ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€2,700) lill-konvenut ghall-bieb ta' barra u bibien ta' gewwa, liema xoghol baqa' qatt ma nhadem u qatt ma gie kkonsenjat lill-atturi;

Ra r-risposta tal-intimat Saviour Abdilla ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2018 li permezz taghha sahaq illi d-depozitu ntuza sabiex jixtri l-materjal u li x-xoghol ma sarx minhabba ragunijiet medici li ma ppermettewx lill-intimat li jahdem. Sahaq ukoll illi huwa lest li jhallas l-ammont f'rati mensili ta' hamsin Euro (€50);

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti kienu nkarigaw lill-intimat fit-3 ta' Frar 2018 sabiex jahdem *"7 bibien ta' gewwa tal-gewz afrikan 1 minnhom folding"*[1] u dan ghal prezz ta' sitt mija u hamsin Euro (€650) il-wiehed. Illi fl-istess skrittura l-partijiet ftehmu illi x-xoghol kellu jitlesta sa Lulju tal-2018 u r-rikorrenti hallsu depositu lill-intimat fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) permezz ta' cheque[2].

[1] Ara Dok 'B' ipprezentat mir-rikorrenti Anna Zarb fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2018;
[2] Ara Dok 'C' ipprezentat mir-rikorrenti Anna Zarb fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2018;

Illi sussegwentament u cioe' fit-8 ta' Marzu 2018 ir-rikorrenti nkarigaw lill-intimat sabiex jahdem: *"Bieb ta' barra ta' l-oroko"*[3] u dan ghal prezz ta' elf u hames mitt Euro (€1,500). Illi skont il-ftehim datat 8 ta' Marzu 2018, il-partijiet ftehmu illi dan ukoll kellu jitlesta sa Lulju 2018. Ir-rikorrenti regghu hallsu depozitu fuq il-bieb ta' barra, ta' sebgha mitt Euro (€700) permezz ta' cheque[4].

Illi r-rikorrenti Anna Zarb xehdet illi wara li l-partijiet ftehmu dwar ix-xoghol u halsu d-depozitu, huma regghu ghamlu kuntatt mal-intimat ghal habta t' April/Mejju. Illi r-rikorrenti tghid illi f'Gunju l-intimat kien infurmahom illi ser ikompli x-xoghol tant illi ghazlu l-kulur tal-injam. Illi x-xhud spegat illi fl-ahhar ta' Lulju, 2018 ix-xghol baqa ma tlestiex huma batu ittra lill-intimat (ipprezentata bhala Dok F) fejn talbuh lura d-depozitu minnhom imhallas.

Illi ghall-ewwel l-intimat donnu cahad it-talba tar-rikorrenti u dan billi indika illi d-depozitu ma setax jigi rifuz peress li ntuza ghal xiri tal-materjal[5]. Illi sussegwentament fl-istess risposta, iddikjara illi huwa kien lest li jhallas lura l-ammont ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€ 2,700) f'rati mensili ta' hamsin Euro (€ 50). Illi l-intimat xehed u spjega lit-Tribunal illi huwa ma kienx lestha x-xoghol minhabba ragunijiet medici u peress li sahhtu ma tippermettilux li jahdem, specjalment xoghol ta' mastrudaxxa.

Ikkunsidra:

Illi ir-rikorrenti Anna Zarb xehdet illi l-intimat kien ipprometta illi ser ihallashom lura d-depozitu pero' dan wara li tinbiegh xi propjeta' li kellu li allagatament kienet fuq konvenju. Illi l-intimat Saviour Abdilla accetta kemm fir-risposta u kif ukoll waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru 2018 illi huwa ghandu jhallas lura lill-atturi s-somma ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€2,700) rapprezentanti depozitu mertu ta' dan l-avviz. Illi filfatt waqt l-istess udjenza l-intimat iddikjara: *"L-intimat qed jaccetta li ser ihallas l-ammont ta' € 2,700"*. Illi tali dikjarazzjonijiet huma ghat-Tribunal "an agreed fact" li kif gie elaborat fid-decizjoni *'Natasha Grech vs Marlon Vella'* [Tribunal Ghal Talbiet Zghar, deciza 06 ta' Gunju 2018]: *"a fact that the parties to a proceeding have agreed is not, for the purposes of the proceeding, to be disputed. If the agreed fact is stated in a written agreement which has been admitted in evidence or, with the leave of the court, is stated by a party before the court with the agreement of all the other parties, two consequences flow – without the leave of the court, evidence is not required to prove it, and evidence may not be adduced to contradict or qualify it."* Ghalhekk, dan huwa fatt pruvat.

[3] Ara Dok 'D' ipprezentat mir-rikorrenti Anna Zarb fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2018;
[4] Ara Dok 'E' ipprezentat mir-rikorrenti Anna Zarb fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2018;
[5] Ara r-risposta tal-initmat;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi dak li t-Tribunal fadallu jiddetermina huwa jekk l-intimat ghandux id-dritt li jimponi li jhallas lura d-depozitu, li thallas f'zewg pagamenti, f'rati mensili ta' hamsin Euro (€ 50). Illi t-Tribunal jikkunsidra c-cirkostanzi sfortunati tal-intimat u cioe' li spicca bi problemi medici tant illi l-intimat xehed illi huwa ma' jistax jahdem. It-Tribunal jinnuta ukoll li kieku l-partijiet qablu dwar il-modalita' tal-ghoti lura tad-depozitu – allura *pacta sunt servanda*. Pero' jidher lir-rikorrenti ma qablux ma tali modalita'. Illi huwa principju legali maghruf illi l-hlas ghandu jsehh skont it-talba tar-rikorrenti [Il-kreditur] u mhux skont l-ezigenzi ekonomici tad-debitur [l-intimat]. Illi filfatt il-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula fl-artikolu 1156: "*Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel … jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn, għalkemm dan id-dejn ikun li jista' jinqasam*"

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom id-dritt li jitolbu lura interament ir-rifuzjoni tad-depoziti mhallsa lill-intimat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€2,700) b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru